# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 23 ta' Novembru, 2020.**

**Numru 1**

**Rikors numru 506/15 MH**

**Wara l-ittra ufficjali tat-30 ta' April 2015 (nru. 1556/15):**

**Automated Revenue Management Services Limited (C46054) f'isimha proprju u ghan-nom tal-Enemalta plc u l-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma**

**v.**

**Audrey Anne Triganza**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors ta' Audrey Anne Triganza pprezentat fis-26 ta' Mejju, 2015, wara l-ittra ufficjali pprezentata a tenur tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, mill-Automated Revenue Management Services Limited, li permezz tieghu nghad:

> "Illi hija giet notifikata bl-ittra ufficcjali fuq imsemmija fil-11 ta' Mejju 2015, u bil-presenti att qed tirregistra l-opposizzjoni taghha ghat-talba

maghmula mill-intimata fil-fuq imsemmija ittra ufficjali a tenur tal-Artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

“Illi l-ewwelnett huwa kkontestat jekk l-intimata proprio ghandhiex a disposizzjoni taghha r-rimedju moghti mill-Artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

“Illi minghajr pregudizzju l-esponenti m’ghandha taghti xejn fir-rigward tal-kont imsemmi fl-ittra stante illi hija kkuntrattat fil-veste taghha ta' direttrici tas-socjeta` Allegro Andante Limited C-24105, u mhux f’isimha personali.

“Illi f’kull kaz, u minghajr pregudizzju, in kwantu illi parti sostanzjali mill-ammont pretiz mill-intimata tirrigwarda allegat dejn li jirrisali ghal zmien oltre hames snin, l-azzjoni intimata hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili.

“Illi f’kull kaz ukoll, u minghajr pregudizzju, l-ammont pretiz huwa anke bbazat fuq stima u mhux konsum attwali.

“Illi mhux minnu li l-esponenti giet interpellata diversi drabi, anzi l-esponenti ma giet interpellata qatt ghall-hlas hlief permezz tal-ittra ufficjali fuq imsemmija.

“Ghaldaqstant l-esponenti umilment titlob li t-talbiet intimati kif dedotti fl-ittra ufficjali msemmija jigu ddikjarati li huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

2. Rat ir-risposta tas-socjetà Automated Revenue Management Services Limited, ipprezentata fl-24 ta’ Gunju, 2015, li permezz taghha wiegbet:

“1) Illi r-rikors ta’ Audrey Anne Triganza qieghed jigi kkontestat da parti tas-socjeta` esponenti;

“2) Illi in linea ma’ dak mitlub minn din l-Onorabbli Qorti permezz tad-digriet taghha tad-29 ta’ Meju 2015, is-socjeta` esponenti titlob li t-talba kif dedotta fir-rikors ta’ Audrey Anne Triganza datat 25 ta’ Mejju 2015, din ma ghandhiex tintlaqa’ u dan ghar-ragunijiet segwenti:

“a) Is-socjeta` ARMS Ltd ghandha l-jedd tirrikorri ghall-procedura taht l-Artikolu 466 u dan in linea ma’ dak provdut fil-proviso u cioe` li “d-diposizzjonijiet ta’ dan l-artikolu ghandhom ukoll japplikaw fir-rigward ta’ ammonti dovuti ghall-provediment ta’ l-ilma u eletriku u ghall-kiri ta’ meters relatati.”

"b) Illi l-fond oggett tal-ittra ufficjali huwa 130, Allegro Andante Restaurant, Triq Spinola, San Giljan;

"c) Illi l-persuna registrata mas-socjeta` esponenti fuq l-akkont 101000242156 hija Audrey Anne Triganza;

"d) Illi mhuwiex minnu li l-ammont huwa preskritt kif qieghed jigi indikat minn Audrey Anne Triganza, u dana kif jirrizulta mill-anness statement, immarkat Dok RB1. L istess statement juri li l-ahhar hlas li sar kien f'Awwissu 2010;

"e) Illi kien hemm talbiet ghall-hlas, cioe` kontijiet, tul il-kors taz-zmien li nhargu mis-socjeta` esponenti f'isem Audrey Anne Triganza u qatt ma kien hemm kontestazzjoni taghhom;

"f) Illi nharget ukoll disconnection document, hawn annessa u mmarkata Dok RB3 u din inharget wara li minkejja li Audrey Anne Triganza giet infurmata bil-kontijiet hi ma ghamlitx il-hlas taghha;

"g) Illi din id-disconnection document, harget f'isem Audrey Anne Triganza u ma kien hemm ebda oppozizzjoni jew kontestazzjoni ghaliha;

"h) Illi sahansitra gie ffirmat ftehim ta' pagamenti, Dok RB2 liema ftehim inkiser u qatt ma gie onorat.

"Illi in sostenn ta' dak hawn fuq espost, is-socjeta` esponenti qieghda wkoll tipprezenta affidavit ta' Reuben Bonnici, detentur tal-karta tal-identita` numru 448471M, rapprezentant tal-istess socjeta` esponenti.

"Ghalhekk is-socjeta` esponenti tinsisti li l-att 1566/2015 ghandu jibqa' jkollu l-effett ta' gudikat tal-Qorti u dan ai termini tal-Artikolu 466.

"Bl-ispejjez kontra Audrey Anne Triganza."

3. Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-23 ta' Novembru, 2016, li permezz taghha l-kawza giet deciza fis-sens illi, cahdet it-talba mressqa mir-rikorrenti fir-rikors taghha tas-26 ta' Mejju, 2015, bl-ispejjez tal-proceduri kontra tal-istess rikorrenti.

4. Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Permezz tal-proceduri odjerni r-rikorrenti qeghda tikkontesta t-talba ghall-hlas tas-somma ta' €39,289.66 avvanzata kontriha personalment mis-socjeta' llum ntimata a tenur tal-artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta' ittra ufficjali datata 30 t'April 2015. Skont din l-ittra ufficjali, Audrey Anne Triganza hija debitrici ta' din is-somma, meqjusa certa, likwida u dovuta bhala "*bilanc dovut ghall-konsum ta' ilma u elettriku, kera ta' meter tal-ilma u l-elettriku, spejjez amministrattivi, connection u disconnection fees, flimkien ma' l-imghax dovut fuq l-ammont skont il-ligi relatat tas-servizzi utili bin-numru 1010002422156 ossia dwar il-fond bl-indirizz 130, Allegro Andante Restaurant, Triq Spinola, San Giljan*[1] ."

"Skont l-istess ittra ufficjali, minkejja d-diversi interpellazzjonijiet ghall-hlas, Triganza baqghet inadempjenti u dan minghajr raguni valida.

"Il-kontestazzjoni tar-rikorrenti ghal din it-talba ghall-hlas hija mifruxa fuq diversi binarji, kemm ghal ragunijiet preliminari li jolqtu l-bazi legali stess tat-talba u l-preskrizzjoni tal-azzjoni, kif ukoll fil-mertu fejn hija qeghda tikkontendi li m'ghandha taghti xejn lis-socjeta' ntimata.

"Is-socjeta' ntimata minn naha taghha tiggustifika l-bazi legali ghat-talba, tirribatti li l-ammont mitlub mhuwhiex preskritt u li dan huwa dovut fl-intier tieghu mir-rikorrenti.

"Preliminari

"1. <u>*Bazi Legali tat-Talba*</u>

"Ir-rikorrenti qeghda tikkontesta jekk is-socjeta' ntimata f'isimha ghandhiex a dispozizzjoni taghha ir-rimedju koncess mill-Artikolu 466 tal-Kap 12 talLigijiet ta' Malta.

"Dan l-artikolu tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jipprovdi hekk:

> "*466. (1) Meta kap ta' dipartiment tal-gvern jew il-persuna vestita bir-rappreżentanza legali ta' korp magħqud stabbilit bil-liġi jew b'rappreżentanza legali ta' xi kumpannija jew korp ieħor li jkun hekk awtorizzat, bi jew taħt kull liġi, sabiex jiġbor kull ammont dovut lil dipartiment tal-gvern jew lil korp magħqud stabbilit bil-liġi, ikun irid jaġixxi sabiex jinġabar lura dejn dovut lil dipartiment tal-gvern jew lil xi uffiċċju amministrattiv tiegħu jew lil korp magħqud stabbilit bil-liġi, dwar kull servizz, provvista, penali, kera, ċens, piżijiet oħra fuq beni, kumpens għall-okkupazzjoni u jew għal dritt ta' xi liċenza jew dritt jew taxxa oħra dovuti, huwa jista' jagħmel dikjarazzjoni tiegħu maħlufa quddiem ir-reġistratur, imħallef jew maġistrat li fiha huwa għandu jiddikjara xi tkun ix-xorta tad-debitu u l-isem tad-debitur u jikkonferma li dak id-debitu jkun dovut:*

[1] Fol 9

> *"Iżda d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom ukoll japplikaw fir-rigward ta' ammonti dovuti għall-provdiment ta' ilma u elettriku u għall-kiri ta' Meters relatati iżda ma għandhomx japplikaw meta qabel ma tingħata n-notifika meħtieġa taħt is-subartikolu (2), il-persuna li mingħandha l-ammont qed jiġi mitlub tkun avżat lir-rikorrent sew permezz ta' att ġudizzjarju jew permezz ta' ittra reġistrata li qiegħda tikkontesta l-metering, il-kalkolu jew lammont dovut fir-rigward ta' dak il-provdiment jew il-kiri ta' dak il-meter.*"

"Ma hemm ebda dubju li l-mertu tal-ittra ufficjali tat-30 t'April 2015 huwa ammont dovut ghall-provdiment ta' ilma u elettriku, kera ta' meter tal-ilma u l-elettriku, spejjez relatati flimkien mal-imghax dovut fuqhom.

"Certament ghalhekk li s-socjeta' ntimata ghandha l-jedd bil-ligi tirrikorri ghall-procedura kontemplata taht dan l-artikolu tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

"L-ewwel kontestazzjoni preliminari tar-rikorrenti hija ghalhekk michuda.

"*2. <u>Preskrizzjoni</u>*

"Skont ir-rikorrenti, peress li parti sostanzjali mill-ammont pretiz mis-socjeta' ntimata jolqot allegat dejn li jirrisali ghal perjodu oltre l-hames snin, it-talba hija preskritta a tenur tal-artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili. Dan l-artikolu jipprovdi hekk:

> "*2156. L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' ħames snin:*
>
> *"[….]*
>
> *"(f) l-azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku.*"

"Kif intqal fil-kaz fl-ismijiet Montebello Enterprises Limited vs Paolo Soldi et deciz fil-25 ta' Novembru 2015[2] –

> "*Illi bhal kull eccezzjoni ohra l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ghandha tinghata interpretazzjoni restrittiva. Illi huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza nostrana illi l-preskrizzjoni taht l-Artikolu 2156 (f) tal- Kap. 16 hija soggetta ghal interpretazzjoni eiusdem generis.*
>
> *"Ghaldaqstant, il-kelma "kreditu" minhabba fir-restrizzjoni tar-regola ta' interpretazzjoni ta' eiusdem generis, tigbor fiha biss jeddijiet li huma ta' l-istess natura bhal jeddijiet l-ohra imsemmija fl-Artikolu 2156. F'dan il-kuntest, ta' min ighid li l-ebda wiehed mill-krediti imsemmija fl-Artikolu 2156 ma huwa kreditu ta' obbligazione di fare, imma huma kollha obbligazzjonijiet ghall-hlas ta' flus. Dan igib mieghu l-effett li l-*

[2] Rik 151/14CSH

> *obligazzjoni li kontra taghha titressaq eccezzjoni bhal din trid tkun wahda ghall-hlas ta' flus*."

"Fil-kaz odjern, it-talba tas-socjeta' ntimata hija wahda li tikkoncerna hlas ta' flus.

"Mill-atti jirrizulta li l-pendenzi fuq il-kont tas-servizzi numru 101000242156 jirrisalu sat-3 ta' Jannar 2010[3] u baqghu jakkumulaw sakemm is-socjeta' ntimata ntavolat l-ittra ufficjali kontestata fit-30 t'April 2015. Jirrizulta wkoll izda li saru pagamenti akkont ta' dan id-debitu fis-segwenti dati 4 ta' Frar 2010, 3 ta' Marzu 2010, 17 ta' Gunju 2010, 28 ta' Lulju 2010, 4 t'Awissu 2010 u 26 t'Awissu 2010[4]. Skont Reuben Bonnici rappresentant tas-socjeta intimata l-ahhar zewg pagamenti gew effettwati f'Awwissu 2010 fl-ammont ta' €1000 u fl-ammont ta' €500.[5]

"Isegwi li gialadarba l-ahhar pagament sar fis-26 t'Awissu 2010, l-ittra ufficjali tat-20 t'April 2015 interrompiet il-preskrizzjoni kwinkwennali fil-hin.

"Kif qalet din il-Qorti diversament preseduta fil-kaz De Tigne Limited vs Rada 99 Limited deciza fil-5 ta' Ottubru 2015[6] -

> "*L-ahhar pagamenti jservu bhala interruzzjoni tal-preskrizzjoni….Hlas fih innifsu hu rikonoxximent li persuna hi debitrici ta' persuna ohra…"*

"Ghaldaqstant la l-perjodu ta' hames snin mill-ahhar pagament li sar ma kienx ghadu skada meta giet prezentata l-ittra ufficjali mis-socjeta' ntimata, l-azzjoni ma hix milquta mill-preskrizzjoni.

"It-tieni kontestazzjoni preliminari tar-rikorrenti hija ghalhekk michuda wkoll.

"Mertu

"Il-kwistjoni fil-mertu hi jekk l-ammonti mitluba mis-socjeta' ntimata fl-ittra ufficjali taghhom tat-30 t'April humhiex dovuti, jekk iva hux fl-intier taghhom jew le u finalment jekk kwalunkwe ammont li jista' jkun dovut ghandux jithallas mir-rikorrenti personalment jew le.

"Mill-iter processwali jirrizulta li:

" • Fl-1999 giet iffurmata s-socjeta' Allegro Andante Limited li fiha Dr Anthony Farrugia kien l-azzjonist bil-maggoranza tal-ishma filwaqt li rrikorrenti kellha circa 20% tal-ishma. It-tnejn li huma kienu diretturi ta'

---

[3] Dok a fol 13
[4] Fol 13
[5] Affidavit ta' l-istess a fol 12.
[6] Rik 342/13AE

din is-socjeta' li kellha l-ghan li tiggestixxi r-ristorant bl-isem Allegro Andante gewwa 130, Triq Spinola, San Giljan[7];

"• Fil-21 ta' Mejju 1999 tressqet applikazzjoni mal-Korporazzjoni Enemalta ghas-servizz tal-elettriku gewwa r-ristorant imsemmi[8]. L-applikazzjoni saret ghan-nom tas-socjeta' "Allegro Andante Limited c/o Audrey Anne Triganza". Il-Karta tal-Identita' ndikata taht il-firma tal-applikant hija riferibbli wkoll ghall-istess Audrey Anne Triganza;

"• Sena wara fl-10 ta' Lulju 2000 saret applikazzjoni ghall-alternazzjoni tal-istallazzjoni elettrika[9] ghan-nom ta' Allegro Andante Limited fl-istess indirizz imsemmi. Gew indikati r-rikorrenti u Dr Farrugia bhala l-persuni li jistghu jiftħu l-post skont il-bzonn. Din l-applikazzjoni giet iffirmata minn Dr Anthony Farrugia kif turi l-Karta tal-Identita' ndikata taht il-firma[10];

"• Il-kont Nru 101000242156 li fuqu qieghed jintalab il-hlas mis-socjeta' ntimata jghajjat lir-rikorrenti Audrey Anne Triganza personalment u mhux lilha ghan-nom tas-socjeta' Allegro Andante Limited[11];

"• Ir-rikorrenti irrizenjat minn direttur ta' din is-socjeta' f'Settembru tal-2000[12]. Dr Farrugia baqa' l-uniku direttur ta' din is-socjeta' minn hemm 'il quddiem. Il-gestjoni tar-ristorant ghaddiet ghand terzi izda fi kliem Dr Farrugia, ir-responsabilta' ghall-hlasijiet pendenti tal-kontijiet tad-dawl baqghet ta' Allegro Andante Limited[13];

"• Meta kien inqata' d-dawl mir-ristorant Dr Farrugia jixhed[14] li huwa personalment mar ghand is-socjeta' ntimata. Fl-14 ta' Mejju 2010 huwa ffirma ftehim mas-socjeta' ntimata[15] dwar pjan ta' hlas bin-nifs ghall-ammonti pendent. Dan il-ftehim jindika li l-kont tad-dawl u ilma jghajjat lir-rikorrenti Audrey Anne Triganza filwaqt li l-indirizz tal-kont u l-indirizz fejn hemm l-arlogg imwahhal huwa komuni: 130, Allegro Andante Restaurant, Triq Spinola, San Giljan. Il-ftehim huwa ffirmat minn Dr Anthony Farrugia ghan-nom ta' Audrey Ann Triganza;

"• Fix-xhieda tieghu[16] Dr Farrugia jinsisti li l-kliem "on behalf of Audrey Anne Triganza" mhumhiex miktuba minnu. Hu jghid li accetta li jiffirma l-ftehim kif inhu ghan-nom tar-rikorrenti peress li l-kont kien qieghed f'isimha u sabiex ma jinhelix hin minhabba dak li sejjah "l-esigenza" li r-ristorant jerga' jinghata d-dawl mill-aktar fis. Huwa nsista li Triganza ma kinitx awtorizzatu li jiffirma l-ftehim ghan-nom taghha oltre l-fatt li l-

[7] Xhieda tas-27 ta' Jannar 2016 a fol 43 et seq
[8] Fol 23 et seq
[9] Fol 35
[10] Dan meta mqabbel mad-dokument bil-firma u l-karta tal-Identita'ta' Dr Farrugia a fol 17
[11] Affidavit ta' Reuben Bonnici ghan-nom tas-socjeta' ntimata a fol 12
[12] Dok AF u Dok AF 1 – fol 61 u 62
[13] Xhieda Dr Anthony Farrugia a fol 44
[14] Fol 44-45
[15] Fol 16-17
[16] Fol 45

ftehim imsemmi gie ffirmat snin wara li hija kienet irrizenjat minn direttur tas-socjeta' Allegro Andante Limited;

"• Ir-rikorrenti Audrey Anne Triganza[17] ikkonfermat li wara r-rizenja taghha minn direttur tas-socjeta' Allegro Andante Limited hija m'awtorizzat lil hadd jiffirma ghan-nom taghha personali fir-rigward ta' Allegro Andante Limited. Personalment hija qatt ma rceviet xi kontijiet tad-dawl tas-socjeta' Allegro Andante Ltd fir-residenza taghha;

"• Dwar l-ammont mitlub ta' €39, 289.66, Dr Farrugia jghid li ma jaqbilx mac-cifra mitluba peress li jissuspetta li hafna minnu huwa a bazi ta' stejjem u mhux konsum attwali, il-post ilu maghluq u ma kienx hemm access ghalkemm jammetti li diversi drabi ntalab access ghall-post. Fil-fehma tieghu u ghal dawn ir-ragunijiet il-kont huwa gholi hafna[18].

"Wara li ezaminat ic-cirkustanzi kollha tal-kaz il-Qorti tqis li huwa minnu li meta saret l-applikazzjoni ghad-dawl u l-ilma fil-fond fejn kien sitwat ir-ristorant Allegro Andante f'San Giljan, din saret f'isem is-socjeta' Allegro Andante Limited. Izda huwa minnu lkoll li ghal finijiet ta' hlas ta' kontijiet, il-kont mas-socjeta' ntimata kien intestat f'isem ir-rikorrenti Audrey Anne Triganza personalment u mhux ghan-nom tas-socjeta' Allegro Andante Limited. Hija ma tichadx li kienet taf b'dan u li l-kontijiet kienu jaslu f'isimha biss anke jekk fl-indirizz tar-ristorant. B'hekk ukoll hija ma tistax issa tghid li ma kinitx tigi nterpellata biex thallas.

"Inoltre, il-fatt li hija ma baqghetx direttur ta' Allegro Andante Limited fis-sena 2002, legalment ma ghandu ebda rilevanza ghall-finijiet ta' responsabbilta' ghall-hlas tal-kontijiet abbinati mal-kont numru 101000242156 galadarba kif inghad, il-kont kien f'isimha personali. Bis-sahha ta' dak il-kont tezisti relazzjoni guridika bejnha u bejn is-socjeta' ntimata. <u>Ir-rikorrenti qatt ma hadet passi biex tikkancella l-konnessjoni personali taghha ma' dak il-kont</u>. Kien jinkombi fuqha li tinforma lis-socjeta' ntimata, jekk riedet, biex dan il-kont jigi trasferit fuq haddiehor. La hi m'ghamlet xejn biex tissalvagwardja l-interessi taghha, isegwi li r-responsabbilta' taghha personali vis-à-vis dak il-kont baqghet fis-sehh u ta' dan trid tirrispondi ghall-konsegwenzi. <u>Ghalhekk is-socjeta' ntimata kellha kull dritt iddur fuqha ghall-hlas bilancjali.</u>

"Il-Qorti tosserva wkoll li l-ftehim tal-14 ta' Mejju 2010, li a bazi tieghu gew effetwati anke xi pagamenti, sar f'isem ir-rikorrenti personali u mhux f'isem il-kumpanija Allegro Andante Limited. Infatti dan il-ftehim imkien ma jsemmi Allegro Andante Limited imma biss isem ir-rikorrenti u l-indirizz tar-ristorant. Jekk Dr Farrugia ipproceda biex iffirma ghan-nom tar-rikorrenti meta, kif <u>issa</u> qieghed jammetti, kien jaf li hu ma kienx awtorizzat minnha – dik hija kwistjoni unikament bejn ir-rikorrenti u Dr Farrugia, li fi kwalunkwe kaz hija res inter alios acta ghas-socjeta' ntimata. Tfakkar il-Qorti li l-istess Dr. Farrugia bil-gurament tieghu qal "

[17] Xhieda a fol 48 et seq.
[18] Fol 60

> ..l-*esigenza kienet li niffirma ghan-nom ta' Audrey Anne Triganza. Jien ma ridtx naghmlu dan ghax ma kelli ebda prokura. …..U ghaldaqstant jien qatt ma kelli prokura, ma stajt qatt nirrapresenta lil Audrey Anne Triganza…*"[19]
>
> "Jibqa' l-kwistjoni f'dan l-istadju jekk l-ammont kollu mitlub huwhiex dovut fl-intier tieghu jew le. Il-Qorti tqis li s-"suspett" ta' Dr Farrugia ghan-nom tar-rikorrenti li l-ammont mitlub fil-maggor parti tieghu huwa bazat fuq stimi u mhux konsum attwali, tibqa' biss suspett li ma giex pruvat. Li irrizulta b'mod konkret anzi huwa li l-ittra ufficjali tat-30 t'April 2015 a tenur tal-artikolu 466 giet intavolata wara li l-ftehim iffirmat fl-14 ta' Mejju 2010 bl-ammonti ta' hlasijiet maqbula fih ma kompliex jigi onorat. Il-hlas bilancjali mitlub mis-socjeta' ntimata huwa ghalhekk dovut fl-intier tieghu.
>
> "Ghar-ragunijiet kollha suesposti l-Qorti tqis li t-talba tar-rikorrenti Audrey Anne Triganza ma hijiex gustifikata u ma timmeritax li tigi akkolta."

5. Rat ir-rikors tal-appell ta' Audrey Anne Triganza, li permezz tieghu, filwaqt li taghmel referenza ghall-atti processwali u tirriserva li tipproduci dawk il-provi lilha spettanti skont il-ligi, titlob lil din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata, u ghalhekk tiddikjara t-talbiet tas-socjetà appellata infondati. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjetà appellata.

6. Rat ir-risposta tal-appell tas-socjetà Automated Revenue Management Services Limited, li permezz taghha, filwaqt li taghmel referenza ghall-provi prodotti quddiem l-ewwel Qorti, u tirriserva li ggib provi ulterjuri f'dan l-istadju, titlob lil din il-Qorti tichad l-appell interpost mill-appellanti Audrey Anne Triganza, u tikkonferma s-sentenza hekk kif moghtija mill-ewwel Qorti. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi u interessi kontra l-istess appellanti.

[19] Fol45

7. Rat li l-avukati tal-partijiet itrattaw l-appell in ezami waqt is-seduta tat-3 ta' Novembru, 2020, meta l-kawza baqghet differita ghas-sentenza.

8. Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

9. Illi permezz tar-rikors promotur, ir-rikorrenti tattakka l-ittra ufficjali pprezentata kontra taghha ai termini tal-Artikolu 466 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta). L-azzjoni taghha hija msejsa fuq is-segwenti ragunijiet principali (i) l-inapplikabilità tal-procedura skont l-Artikolu 466 tal-Kap. 12; (ii) li hija kkuntrattat fil-vesti taghha ta' direttrici tas-socjetà Allegro Andante Limited; (iii) parti sostanzjali mill-ammont pretiz jinsab preskritt ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta); (iv) l-ammont pretiz huwa bbazat fuq stima u mhux konsum attwali; (v) hija qatt ma giet interpellata ghall-hlas hlief permezz tal-imsemmija ittra ufficjali.

10. Is-socjetà intimata sostniet il-pretensjonijiet taghha suggett tal-ittra ufficjali ghas-segwenti ragunijiet: (a) hija ghandha l-jedd tirrikorri ghall-procedura taht l-Artikolu 466; (b) il-fond oggett tal-ittra ufficjali huwa 130, Allegro Andante Restaurant, Triq Spinola, San Giljan; (c) il-persuna

registrata maghha fuq il-kont in kwistjoni hija r-rikorrenti; (d) tichad li l-ammont mitlub jinsab preskritt stante hlas akkont f'Awwissu 2010; (e) ghalkemm saru diversi interpellazzjonijiet ghall-hlas f'isem ir-rikorrenti, qatt ma kien hemm kontestazzjoni taghhom; (f) inhareg ukoll *disconnection document* f'isem ir-rikorrenti u ma kien hemm l-ebda oppozizzjoni ghaliha; u (g) sahansitra gie ffirmat ftehim ta' hlas (Dok. RB 2), liema ftehim ma giex onorat.

11. L-ewwel Qorti, filwaqt li qieset li l-procedura saret a tenur tal-provvediment tal-Artikolu 466 kif imiss, u li l-ammont pretiz mhux preskritt u ghalhekk cahdet l-ewwel zewg kontestazzjonijiet tar-rikorrenti, qieset li l-kont in kwistjoni jghajjat lir-rikorrenti personalment u mhux ghan-nom ta' Allegro Andante Limited, stante li r-rikorrenti qatt ma hadet passi sabiex tikkancella l-konnessjoni personali taghha mal-imsemmi kont. Ghalhekk l-ewwel Qorti ddecidiet ir-rikors fis-sens li s-socjetà intimata kellha kull dritt li ddur fuq ir-rikorrenti ghall-hlas bilancjali u cahdet it-talba tar-rikorrenti stante li ma tqisitix gustifikata. Bl-ispejjez tal-proceduri a karigu tar-rikorrenti.

12. Ir-rikorrenti hassitha aggravata bl-imsemmija sentenza u nterponiet appell minnha ghas-segwenti ragunijiet:

(I) il-procedura li wasslet ghas-sentenza appellata kienet dik skont il-provvediment tal-Artikolu 466, fejn ladarba s-socjetà appellata tinnotifika lill-allegat debitur taghha b'dikjarazzjoni guramentata, il-kreditu pretiz ikollu effett daqslikieku kien gudikat sakemm id-debitur ma jopponix it-talba billi jipprezenta rikors li fih jitlob li l-Qorti tiddikjara t-talba bhala infondata. Kwindi ssostni li, l-operat ta' dan il-provvediment tal-ligi huwa fis-sens li, ladarba jigi pprezentat rikors oppozitorju fit-terminu mahsub fil-ligi, dan ihassar il-"presunzjoni" tal-ezistenza tal-kreditu u jrendi t-talba tas-socjetà appellata sindakabbli. Hija tilmenta li l-ewwel Qorti ddisponiet mill-ewwel oggezzjoni taghha dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 466, minghajr ma qieset il-kontenut tal-ittra ufficjali, mertu ta' din il-vertenza. Filwaqt li l-Artikolu 466 jaghti lis-socjetà appellata dritt li titlob hlas ghall-provvista ta' ilma, elettriku u ghall-kiri ta' *meter* relatati u dan b'estensjoni specifika, hija m'ghandha l-ebda dritt li titlob hlas ukoll ta' spejjez amministrattivi, *connection and disconnection fees* flimkien mal-imghax dovut skont il-ligi. Ladarba l-Artikolu 466 jipprovdi ghal rimedju straordinarju, ghandu jigi interpretat u applikat b'mod ristrett. Kwindi ssostni li s-socjetà appellata ma kellhiex dritt tinvoka hlas ai termini tal-Artikolu 466, ghal affarijiet oltre l-provvista tal-ilma u l-elettriku u ghall-kiri tal-meters. Kwindi kien jinkombi fuq is-socjetà appellata tipprova kif waslet u minn fejn huwa naxxenti l-kreditu pretiz minnha.

(II) Ilment iehor tal-appellanti jiccentra fuq il-htiega li s-socjetà appellata tipprova r-rapport guridiku taghha mar-rikorrenti. Ghalkemm is-socjetà appellata ssostni li kienet ilha zmien twil tibghat kontijiet f'isem ir-rikorrenti, ma pproduciet ebda kont f'dan is-sens. L-appellanti taghmel referenza ghall-principju kardinali ta' min jallega jrid jipprova, u l-obbligu li min irid jipprova ghandu jipproduci l-ahjar prova. Hija tirreferi ghad-dokumenti esebiti in atti (Dok RB u Dok. RB1) li minnhom jirrizulta l-oppost ta' dak li xehed Reuben Bonnici, in rapprezentanza tas-socjetà appellata. Hija tishaq li applikat f'isem is-socjetà Allegro Andante u mhux f'isimha personali, kif ukoll, qatt m'accettat responsabbilità personali ghall-kontijiet tas-socjetà Allegro Andante. Il-fatt li s-socjetà appellata zbaljat u bdiet tohrog il-kontijiet f''isem ir-rikorrenti appellanti, m'ghandux ifisser li hija accettat li tkun personalment responsabbli ghalihom. Hija tistaqsi kif parti f'kuntratt, tista' unilateralment tiddeciedi li tinterpella lil terz u tippretendi li dak it-terz jezegwixxi obbligazzjoni tal-kontraent l-iehor fil-kuntratt, meta f'dan il-kaz lanqas jista' jinghad li hija garanti solidali mas-socjetà Allegro Andante. Hija tishaq li rrizenjat mill-kariga ta' direttur fl-imsemmija socjetà fis-sena 2002, kwindi ma kellhiex ragun l-ewwel Qorti sabiex tghid li ladarba l-kontijiet kienu intestati f'isimha u jaslu ghandha fl-indirizz tar-ristorant, ma tistax tghid li ma kinitx tigi interpellata biex thallas. Hekk ukoll tikkritika lill-ewwel Qorti, meta kkonkludiet li l-ftehim ghall-hlas iffirmat mill-Avukat Farrugia, jorbotha peress li kien iffirmat ghan-nom taghha. Dan meta l-Avukat Farrugia xehed li ma kellu l-ebda

prokura taghha u ma kienx huwa li zied il-kliem "*on behalf of Audrey Anne Triganza*", anzi ghamilha cara li huwa ma kellu l-ebda setgha jiffirma ghan-nom taghha, izda seta' jiffirma biss bhala direttur tas-socjetà Allegro Andante Limited. Dan ma kienx kaz ta' *res inter alios acta* kif ritenut mill-ewwel Qorti.

13. Ghandu jinghad mal-ewwel li, l-Artikolu 466 tal-Kap. 12 hija procedura specjali li tapplika fir-rigward ta' hlas ta' certi krediti, izda ma tapplikax ghal kull tip ta' kreditu. (Ara f'dan is-sens per ezempju s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tal-10 ta' Novembru, 2017, fil-kawza fl-ismijiet **Automated Revenue Management Services Limited v. Yvonne Preca**, fejn inghad li ma tapplikax fil-kaz ta' danni.) Hekk ukoll, kif inghad fis-sentenza ta' din il-Qorti (Sede Inferjuri) fis-sentenza taghha tas-16 ta' Dicembru, 2016, fil-kawza fl-ismijiet **Automated Revenue Management Services Limited v. Joseph Baldacchino et,** ghalkemm l-Att dwar l-Arbitragg (Kap. 387) f'paragrafu 1.3 tar-Raba' Skeda, jipprovdi fost it-tilwimiet li ghandhom jigu determinati f'arbitragg, hemm dawk li ghandhom x'jaqsmu mal-provvista tad-dawl u mas-servizzi tal-ilma, però dan "*bla hsara, fejn dan japplika, ghad-disposizzjonijiet tal-artikolu 466 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili…*" u ghalhekk jidher car li f'kazijiet fejn japplika l-Artikolu 466 tal-Kap. 12, il-procedura ta' arbitragg mandatorju ma japplikax.

14. Kwindi permezz ta' din il-procedura specjali, kapijiet tad-Dipartimenti tal-Gvern u entitajiet ohra hekk kif provdut fl-Artikolu 466, jistghu jigbru krediti partikolari dovuti, billi l-Kap tad-Dipartiment jikkonferma bil-gurament il-kreditu dovut. Kif citat mill-ewwel Qorti l-artikolu tal-ligi jipprovdi li l-krediti li jistghu jingabru b'dan il-mod huma dawk dwar kull servizz, provvista, penali, kera, cens, pizijiet ohra fuq beni, kumpens ghall-okkupazzjoni, u jew ghal dritt ta' xi licenzja jew dritt jew taxxa dovuta, kif ukoll ghal ammonti dovuti ghall-provvista ta' ilma u elettriku u ghall-kiri ta' *meters* relatati. B'dan illi, f'dan l-ahhar kaz, il-ligi tipprovdi li f'kaz li kien hemm xi kontestazzjoni bil-miktub, permezz ta' att gudizzjarju jew ittra registrata da parti tal-persuna li minghandha jkun qieghed jintalab il-hlas, f'dak il-kaz, l-azzjoni a tenur tal-Artikolu 466 ma tkunx aktar possibbli.

15. F'dan il-kaz ma jirrizultax li kien hemm l-ebda kontestazzjoni da parti tal-appellanti bil-mod mahsub fil-provvediment tal-ligi. Kwindi certament sa fejn it-talba fl-ittra ufficjali tirrelata ma' konsum ta' ilma u elettriku, u kera tal-*meters* relatati, ma hemmx dubju li jaqghu fil-parametri tal-provvediment in ezami. L-oggezzjoni tal-appellanti tissejjes fuq l-argument li dik il-parti tal-ammont pretiz li jikkostitwixxi spejjez amministrattivi, *connection and disconnection fees* u l-imghax dovut, ma jaqghux fil-parametri tal-krediti mahsuba fl-Artikolu 466. Huwa ritenut li l-appellanti m'ghandhiex ragun f'dan l-ilment taghha, in kwantu l-ispejjez

amministrattivi, *connection and disconnection fees* u l-imghax dovut huma ritenuti bhala spejjez ancillari mal-konsum ta' ilma u elettriku u kera tal-meters u m'ghandhomx jitqiesu separatament.

16. Madankollu ghandha ragun l-appellanti, f'kaz fejn debitur jonqos li jopponi l-kreditu pretiz skont il-provvediment tal-Artikolu 466, id-dikjarazzjoni guramentata notifikata lid-debitur permezz ta' att gudizzjarju, ikollha effett daqslikieku gudikat (Artikolu 466(2) tal-Kap.12). Kif ukoll, f'kaz li d-debitur jopponi l-ammont pretiz, kif mahsub fl-imsemmi provvediment tal-ligi, il-Qorti jkollha jedd tissindika l-ammont pretiz.

17. Huwa minnu li s-socjetà appellata kienet skarsa fl-informazzjoni moghtija minnha dwar l-ammont dovut, tant li l-affidavit tar-rapprezentant tas-socjetà appellata ma jixhet ebda dawl u ma jaghti l-ebda kont fuq kif l-ammont totali jitqassam fid-diversi partiti. Ghalkemm gie esebit dak li jissejjah bhala "rendikont" (fol. 13) dan id-dokument jelenka biss it-tranzazzjonijiet bejn Jannar tas-sena 2010 u Gunju tas-sena 2015, u ma jaghtix rendikont ta' kif inhi maqsuma s-somma pretiza ta' €39,289.66. Hekk ukoll, meta r-rapprezentant tas-socjetà appellata xehed, ma tax rendikont ta' kif inhuwa maqsum l-ammont pretiz mis-socjetà appellata. Izda huwa daqstant iehor minnu li, ma sar l-ebda kontro-ezami lil dan ir-rapprezentant u ma ntalab li jinghata l-ebda rendikont ta' kif inhu maqsum l-ammont pretiz mis-socjetà appellata. Kwindi huwa ritenut mill-aktar

inkongruwu li l-appellanti issa tilmenta fl-istadju tal-appell li l-ewwel Qorti naqset milli tistharreg il-kontenut tal-pretensjoni tas-socjetà appellata, meta hija stess kellha kull opportunità li tixtarr din il-materja in prim'istanza. F'dan is-sens l-ewwel ilment tal-appellanti mhux ser jintlaqa' in kwantu *imputet sibi.*

18. Min-naha l-ohra, fir-rigward tat-tieni lment tal-appellanti, din il-Qorti ma tistax twarrab it-thassib serju ta' kif inhargu l-kontijiet tas-socjetà appellata f'isem l-appellanti. Minn harsa lejn l-ewwel applikazzjoni li saret mal-Enemalta ghas-servizz tal-elettriku fil-31 ta' Mejju, 1999, (vide fol. 23), huwa al kwantu car li hdejn il-kaxxa "Isem shih tal-applikant", hemm indikat "Allegro Andante Limited" c/o Audrey Anne Triganza. Hekk ukoll it-tieni applikazzjoni sabiex issir alterazzjoni tal-istallazzjoni elettrika, li saret fil-21 ta' Lulju, 2000, l-isem tal-applikant huwa ghal darb'ohra indikat bhala "Allegro Andante Limited", filwaqt li l-appellanti u l-avukat Farrugia huma indikati bhala persuni fil-qrib li jkunu jistghu jifthu l-post skont il-bzonn (ara Dok. RB1 a fol. 35 tal-process). Ta' min jinnota wkoll li filwaqt li l-ewwel applikazzjoni kienet iffirmata mill-appellanti, it-tieni wahda kienet iffirmata mill-avukat Farrugia. Kwindi f'ghajnejn din il-Qorti m'ghandu jkun hemm l-ebda dubju li l-applikazzjoni saret f'isem is-socjetà Allegro Andante Limited u permezz ta' dawn l-applikazzjonijiet, hemm tnisslet ir-relazzjoni guridika bejn l-imsemmija socjetà u l-entitajiet li

jipprovdu s-servizzi tad-dawl u l-ilma, li ghan-nom taghhom l-appellata qieghda tippretendi l-hlas.

19. Kif inghad minn din il-Qorti (Sede Inferjuri) fis-sentenza taghha tat-12 ta' Dicembru, 2008, fil-kawza fl-ismijiet **Sign It Limited v. Anthony Attard pro et noe:**

> "*(1) Tezisti l-presunzjoni iuris tantum illi bniedem normalment jikkontratta ghalih innifsu sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor jew, jekk dan ma jindikax espressament, li dak haddiehor kien ragonevolment jaf li jkun qieghed jikkontratta f'isem haddiehor. Ara "Joseph Chetcuti nomine -vs- Peter Paul Camilleri", Qorti tal-Kummerc, 4 ta' Dicembru, 1998 u "Anthony Caruana et -vs- John Magro et", Appell, 6 ta' Ottubru 1999;*
>
> *"(2) Il-prova kuntrarja kienet taggrava fuq il-persuna li jkun qed jidher f'isem u ghan-nom ta' haddiehor. Hu kellu jipprova illi b'mod car u inekwivoku kien irrileva lil parti l-ohra illi l-kontrattazzjoni ma kienetx qed issir f'ismu imma f'isem persuna ohra ben identifikata. Kellu jipprova wkoll illi dan il-fatt ingieb sewwa a konoxxenza tal-kontraent l-iehor fl-istess mument tal-kontrattazzjoni. Ara "John Vella nomine -vs- Anthony Vella et", Appell, 2 ta' Dicembru, 1999;*
>
> *"(3) Certi kazijiet huma ovvji, ohrajn mhux daqstant ovvji. Fejn hemm dubju pero`, wiehed kellu jippresumi illi l-persuna li qed tikkontratta kienet hekk qed taghmel f'isimha proprju. Ara "Lawrence Formosa et nomine -vs- Silvio Felice", Appell, 6 ta' Ottubru, 1999*;"

20. Applikati dawn l-istess principji ghall-kaz in ezami, din il-Qorti tqis li ma kellu jkun hemm l-ebda dubju mill-applikazzjonijiet li l-appellanti kienet qieghda tapplika f'isem is-socjetà Allegro Andante Limited. Kwindi l-mument tal-kuntrattazzjoni huwa l-*punctum temporis* relevanti li fih giet stabbilita r-relazzjoni guridika u kellu jkun evidenti ghall-appellata li l-kontraenti kienet is-socjetà Allegro Andante Limited. Tant hu hekk, li l-istess rapprezentant tas-socjetà appellata jixhed li, ghalkemm l-*account*

*number* infetah fuq l-appellanti, l-indirizz kien dak ta' 130, Allegro Andante, Spinola Road. Kwindi l-kontijiet ma kinux jintbghatu fl-indirizz personali tal-appellanti, izda fl-indirizz tar-ristorant fejn kienet topera s-socjetà in kwistjoni. Li kieku l-kontijiet kienu tal-appellanti fil-vesti taghha personali, kif tippretendi s-socjetà appellata, wiehed kien jistenna li jintbghatu fl-indirizz personali tal-appellanti u mhux fir-ristorant li kienet topera s-socjetà Allegro Andante. Huwa principju regolatur li socjetà kummercjali ghandha personalità guridika distinta u separata minn dik tal-azzjonisti u d-diretturi taghha. F'dan il-kaz, din il-Qorti ma tistax tifhem kif gialadarba l-applikazzjonijiet saru f'isem socjetà kummercjali, l-appellata tikkontendi li l-kontijiet kellhom jinhargu f'isem l-appellanti f'isimha personali. Wara kollox, il-Qrati dejjem sostnew li huma kazijiet tassew partikolari fejn il-mantell tal-personalità guridika ghandu jigi mnehhi u dan fejn jirrizulta l-*mala fede*. Ma sar l-ebda accenn f'dan is-sens, fil-kaz in ezami.

21. Tabilhaqq is-socjetà appellata ma pproduciet l-ebda kont sabiex issostni dak li nghad minnha li l-kontijiet kienu jinhargu f'isem l-appellanti sa mill-bidu nett. Mill-provi ma rrizultax li l-appellanti qatt accettat responsabbilità personali ghall-imsemmija kontijiet. Kif gustament osservat mill-appellanti, parti f'kuntratt ma tistax taqbad unilateralment tiddeciedi u tippretendi li terz jaghmel tajjeb ghall-obbligazzjoni ta' komparenti iehor fuq kuntratt. Hekk ukoll, ladarba

jirrizulta ppruvat li l-appellanti rrizenjat mill-kariga ta' direttur tas-socjetà Allegro Andante Limited fis-sena 2002, ir-ragunament tal-ewwel Qorti li l-appellanti baqghet tircievi l-kontijiet fir-ristorant, kellu jkun prova li kienet konsapevoli li l-kont kien intestat f'isimha personalment u li ma hadet l-ebda passi sabiex tikkancella l-konnessjoni personali taghha ma' dak il-kont, huwa tabilhaqq wiehed *non sequitur.* Dan meta l-appellanti dejjem kienet applikat ghas-servizz in kwistjoni f'isem socjetà kummercjali u mhux f'isimha personali, tant li l-kontijiet kienu jintbghatu fir-ristorant u mhux id-dar taghha. Kwindi l-appellanti ma kellhiex raguni ghala tissuspetta li hija kellha twiegeb ghall-imsemmija kontijiet b'mod personali.

22. Tant hu hekk li, ghalkemm il-ftehim a fol. 16 jidher intestat fuq isem l-appellanti, kien l-avukat Farrugia li kien mar sabiex jasal fi ftehim ghall-hlasijiet rateali mas-socjetà appellata, dan dejjem f'isem is-socjetà Allegro Andante. L-avukat Farrugia jichad li huwa dahal f'dak il-ftehim f'isem l-appellanti u jishaq li ghamilha cara li kien qieghed jidher fil-vesti tieghu ta' direttur ta' Allegro Andante. Kif gustament osservat mill-appellanti, l-interpretazzjoni tal-ewwel Qorti ta' dan l-episodju jkun ifisser li persuna tista' tidhol f'obbligazzjoni, bhal f'dan il-kaz hlas ta' dejn, f'isem haddiehor semplicement billi jghid li ghandu r-rapprezentanza taghha. Ma tirrizulta l-ebda prova li l-avukat Farrugia kellu dan il-mandat, anzi l-appellanti tichad kategorikament li hija awtorizzat lill-avukat Farrugia li jidhol f'dak il-ftehim f'isimha.

23. Jibqa' l-fatt kardinali li fil-fehma ta' din il-Qorti, l-appellanti m'ghandhiex twiegeb personalment ghall-izball tas-socjetà appellata li intestat il-kontijiet taghha b'mod hazin, meta kellu jkun car ghaliha li kienet is-socjetà Allegro Andante li kellha twiegeb ghal dawk il-kontijiet. Isegwi li l-appellanti ghandha ragun f'dan it-tieni aggravju taghha, li ghalhekk ser jigi milqugh.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet tiddisponi mill-appell interpost mill-appellanti billi tilqghu u tiddikjara li t-talba maghmula permezz tal-ittra ufficjali 1556/2015 fil-konfront ta' Audrey Anne Triganza ai termini tal-Artikolu 466 tal-Kap.12, m'ghandhiex tigi ezegwita bhala titolu ezekuttiv ghaliex hija m'ghandhiex tirrispondi personalment ghall-kontijiet ta' socjetà kummercjali, entità guridika distinta.

Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjetà appellata.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
rm